REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 531/2013

tal-10 ta' Ġunju 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 341/2007 rigward is-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni tat-tewm minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007 ([1]) li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji u li jintroduċi sistema għal liċenzji tal-importazzjoni u ċertifikati ta' oriġini għat-tewm u għal ċerti prodotti agrikoli oħra importati minn pajjiżi terzi.

(2) L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007 joħloq distinzjoni bejn importaturi tradizzjonali u ġodda fir-rigward ta' kummerċjanti li jistgħu japplikaw għal liċenzji tal-importazzjoni tat-tewm skont il-kwoti tariffarji li huma miftuħa u amministrati skont dak ir-Regolament.

(3) Minħabba l-adeżjoni mistennija tal-Kroazja mal-UE fl-1 ta' Lulju 2013, għandhom jiġu stabbiliti regoli tranżitorji biex jippermettu lill-importaturi fil-Kroazja jibbenefikaw mill-kwoti tal-importazzjoni bħala importaturi tradizzjonali. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw biss sakemm jasal il-waqt li l-importaturi jkunu jistgħu jissodisfaw ir-regoli eżistenti.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 341/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 341/2007

Fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 341/2007, għandu jiżdied ir-raba' sottoparagrafu li ġej:

"Għall-Kroazja, għall-perjodi tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni 2013/2014, 2014/2015 u 2015/2016:

(a) il-punt (a) tal-ewwel sottoparagrafu ma għandux japplika; u wkoll

(b) 'importazzjoni fl-Unjoni' għandha tinftiehem bħala importazzjoni minn pajjiżi ta' oriġini minbarra l-Istati Membri tal-Unjoni kif kostitwita fl-1 ta' Lulju 2013."

Artikolu 2

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ suġġett għad-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja u f'din l-istess data.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 90, 30.3.2007, p. 12.